# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 t'Awwissu, 2016.**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Rikors Numru 1047/16**
**fl-ismijiet:**

**Alan Magro, iben Carmelo u Antonia xebba Fenech, imwieled Pieta`, ezercenti l-kummerc taht l-isem Sonic Auto Dealer, detentur tal-karta tal-identita` numerata 22638 M**

**vs.**

**Costantine *sive* Tino Borg detentur tal-karta tal-identita` numerata 312976 M, iben Carmel Borg u Antonia xebba Galea, imwieled l-Pieta`; u Rita Borg, bint Carmelo Vella u Felicia xebba Borg, imwielda Pieta`, karta tal-identita` numerata 489677 M**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat il-12 ta' Lulju, 2016, (ara foll 1 *et sequitur*);

2.0 Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u 9), li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat l-imsemmi rikors guramentat promotur:

2.1. Akkoljiet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur in dizamina;

2.2. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti ghar-risposta;

2.3. Appuntat l-istess ghas-smiegh ghall-udjenza fil-gurnata u hin hemm indikati;

3. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-15 ta' Lulju, 2016, (ara foll 13);

4. Rat id-dokument esebit, (ara foll 6);

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi permezz tar-rikors guramentat promotur fuq indikat ir-rikorrenti sintetikament espona l-ilment tieghu bil-mod segwenti:

6.1. Illi kien kostrett jirrikorri ghall-procedura odjerna biex permezz taghha jikkawtela l-kreditu li hu ghandu fil-konfront tal-intimati;

6.2. Illi ghal dan il-ghan qed jitlob li l-intimati jigu mizmuma milli jbieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu minn xi proprjeta` *inter vivos*, kemm b'titlou oneruz, kemm gratuwitament, u dan b'mod partikolari ghat-terran bil-gnien indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

6.3. Illi dan qieghed jintalab biex jikkawtela l-kreditu tieghu fil-konfront tal-intimati ghad-diversi vetturi li huma hadu minghandu, komplessivament ammontanti ghal tmienja u erbghin elf, disgha mija u hamsin Ewro, (€48,950.00), (ara foll 7);

6.4. Illi *di piu`*, dan hu l-uniku mod li permezz tieghu jista` jikkawtela l-kreditu tieghu fuq indikat;

6.5. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha taghhom l-intimati irrispondew sintetikament bil-mod segwenti:

7.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

7.2. Illi l-intimata Rita Borg qatt ma tat il-kunsens taghha fil-konfront tal-vetturi in meritu;

7.3. Illi l-istess vetturi qatt ma inbieghu lill-intimati u ghalhekk l-ammont mitlub mir-rikorrenti mhux dovut lilu;

7.4. Illi l-istess vetturi insabu registrati f'isem ir-rikorrenti ghalkemm ghamlu zmien jintuzaw mill-intimat;

7.5. Illi l-intimat hallas madwar sebgha u tletin elf Ewro, (€37,000.00), ghall-uzu tal-istess vetturi;

7.6. Illi ghar-ragunijiet minnhom indikati fl-istess risposta, l-intimati jirritjenu li r-rikorrenti ma jissodisfax ir-rekwiziti *ad validitatem* ghall-hrug tal-mandat *de quo*, (ara foll 14);

7.7. Illi ghaldaqstant jitolbu li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi mill-analizi tal-vertenza kif abbilment esposta mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet u mid-dokumentipprezentat *in atti*, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi r-rikorrenti jiggestixxu negozju tal-bejgh ta' karozzi;

8.2. Illi l-intimat kien klijent tar-rikorrenti u ha diversi vetturi minghand l-istess rikorrenti;

8.3. Illi l-istess vetturi l-intimat kien ihallashom bin-nifs;

8.4. Illi rizultat tal-istess negozju l-intimat akkumula l-ammont komplessiv ta' debitu favur ir-rikorrenti indikat fl-istess rikors anness ma dak meritu tal-procedura odjerna, (ara foll 7);

8.5. Illi l-azzjoni odjerna intrapriza mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimati hi intiza biex jikkawtela l-posizzjoni tieghu fir-rigward;

8.6. Illi *di piu`*, jirrizulta li r-rikorrenti ghandu wkoll il-htiega li jindirizza l-procedura odjerna fil-konfront ukoll tal-intimat, *stante* li bejn l-istess intimati hemm il-komunjoni tal-akkwisti billi huma mizzewgin regolarment;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tal-premess tirrileva sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jkun pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li jzomm lill-intimati milli b'xi mod, ikun li jkun, jaghmlu xi haga fil-konfront tal-fond fuq indikat li tista` tirreka l-hsara indikata mir-rikorrenti fil-procedura minnhu inoltrata;

9.2. Illi biex dan l-iskop jintlahaq b'mod legittimu jinhtieg is-segwenti:

9.2.1. Illi r-rikorrenti jrid juri li l-mandat minnu rikjest hu necessarju biex jittutela d-drittijiet legittimi tieghu;

9.2.2. Illi jkun ukoll jidher li r-rikorrenti ghandu wkoll *prima facie* dawk id-drittijiet minnhu vantati, (ara ***Sammut vs. Sammut, Prim'Awla tal-Qorti Civili***, datata l-***5 ta' Gunju, 2003***);

Ikkunsidrat:

10. Illi biex tali procedura tirnexxi l-lanjanti jinhtieg li jipprova li bil-possibbli azzjoni tal-intimati minnhu individwata, hu jkun ser ibaghti pregudizzju, (ara ***Grech proprio et nomine*** vs. ***Manfre`, Qorti tal-Appell***, datata l-***14 ta' Lulju, 1988, Vol. LXXII. II. 290;*** 40, ***Main Street Catering Establishment Limited*** vs. l-***Awtorita` tal-Ippjanar***, datata t-***2 ta' Novembru, 2010***);

11. Illi *di piu`*, iz-zewg rekwiziti fuq elenkati, (ara paragrafu numru disgha punt tnejn, (9.2.), aktar qabel), ghandhom jigu kkunsidrati kumulattivament u mhux alternattivament;

12. Illi hu ghalhekk pacifiku li jekk xi wiehed mill-istess rekwiziti hekk elenkati ma jirrizultax, it-talba tar-rikorrenti lanjanti ghandha tigi respinta;

13.0. Illi jinghad ukoll f'dan ir-rigward li l-qorti kolpita b'tali rikjesta specjali ghandha l-obbligu:

13.1. Kemm li tkun oggettiva fl-analizi taghha tal-vertenza in dizamina; u

13.2. Kemm li tuza interpretazzjoni restrittiva fir-rigward;

Ikkunsidrat:

14. Illi hu pacifiku wkoll li l-procedura odjerna hi ta' natura eccezzjonali – ghalkemm necessarjament sommarja;

15. Illi *di piu`*, fl-analizi taghha f'dan il-livell tal-procedura in dizamina l-qorti hi impedita milli tidhol u tanalizza l-mertu tal-istess fil-profondita` li jixraq;

16. Illi jinghad ukoll li l-fatt li tintlaqa` t-talba fih innifsu ma jfissirx li d-dritt vantat ikun gie debitament ipprovat, u *vice versa*, il-fatt li l-istess talba ma tintlahaqx ma jfissirx li l-istess dritt vantat ma jezistix;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi dak li jirrizulta *prima facie* hu sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi l-intimat kien jiehu diversi vetturi minghand ir-rikorrenti u jhallashom bin-nifs;

17.2. Illi ovvjament, sakemm ikunu ghaddejjin dawn il-pagamenti bin-nifs il-vetturi in dizamina jibqghu registrati f'isem ir-rikorrenti;

17.3. Illi *nonostante* li r-registrazzjoni tal-vetturi in dizamina tibqa` ufficjalment f'isem ir-rikorrenti ma jbiddel xejn min-natura tan-negozju li jkun qieghed jigi kkonkretizzat bejn il-kontendenti;

17.4. Illi ghaldaqstant l-akkumulu tad-debitu tal-intimat favur ir-rikorrenti jkun debitu konkret, cert u ezistenti;

Ikkunsidrat:

18. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li l-preokkupazzjoni vantata mir-rikorrenti permezz tar-rikors guramentat promotur hi effettivament wahda reali, possibbli u attwabbli;

19. Illi d-dritt rikjamat mir-rikorrenti biex jipprotegi l-assi tieghu naxxenti minn negozju li sar bejn il-kontendenti hu wiehed konkret li jimmerita l-protezzjoni hawn rikjamata;

20. Illi ghalhekk, hi l-fehma ta’ din il-qorti li l-istess preokkupazzjoni tar-rikorrenti hi wahda *prima facie* legittima li ghandha tattira l-protezzjoni statutorja in dizamina;

**DECIDE:**

21.0. Illi in vista tas-suespost tqis li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

21.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

21.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

21.3. Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat it-12 ta’ Lulju, 2016, b’mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b’mod permanenti;

21.4. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimati;

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**